MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2010

Numru. 31/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone u Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Paul Portelli ta’ 17-il sena, bin Carmel u Pauline nee’ Cordina,**
**imwieled Rabat (Ghawdex), nhar il-14 ta’ Dicembru, 1992 u residenti fil-fond ‘Qalb ta’ Gesu,’ Triq ta’ Mulejja, Fontana, u**
**detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 9593(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Paul Portelli li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer gewwa l-Victoria

(Ghawdex), nhar id-29 ta' Marzu, 2010, u matul l-ahhar xahar qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda;

a) Seraq diversi oggetti mill-istabiliment Arkadia (Victoria) fejn il-valur totali hi ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, u bil-hin, ai termini tal-artikolu 261 (c), u (f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, ghad-detriment ta' Brian Mizzi u persuni ohra;

b) Seraq diversi oggetti mill-istabiliment Duke (Victoria) fejn il-valur hu aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, u bil-hin, ai termini tal-artikolu 261 (c), u (f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

c) Seraq diversi oggetti mill-istabiliment The Look (Victoria) fejn il-valur totali hu aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232..94) liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, u bil-hin, ai termini tal-artikolu 261 (c), u (f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

d) Seraq diversi oggetti mill-istabiliment Denim Blue (Victoria) fejn il-valur totali hu aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232..94) liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, u bil-hin, ai termini tal-artikolu 261 (c), u (f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

e) Seraq diversi oggetti mill-istabiliment Blend (Victoria) fejn il-valur totali hu aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232..94) liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, u bil-hin, ai termini tal-artikolu 261 (c), u (f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

f) Seraq diversi oggetti mis-supermarket Best Saver Supermarket (Xewkija) fejn il-valur totali hu aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232..94) liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, u bil-hin, ai termini tal-artikolu 261 (c), u (f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

g) Seraq diversi oggetti mis-supermarket Tas-Sajf Supermarket (Gharb) fejn il-valur totali hu aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232..94) liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, u bil-hin, ai termini tal-artikolu 261 (c), u (f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;
h) Seraq diversi oggetti (fwieha) mill-istabiliment Tac-Cawla Pharmacy (Victoria) fejn il-valur totali hu aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232..94) liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, u bil-hin, ai termini tal-artikolu 261 (c), u (f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;
i) Seraq diversi oggetti (fwieha) mill-istabiliment Hair Flair (Victoria) fejn il-valur totali hu aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232..94) liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, u bil-hin, ai termini tal-artikolu 261 (c), u (f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

j) Seraq diversi oggetti mill-istabiliment Party Shop Creations (Victoria) fejn il-valur totali hu aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232..94) liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, u bil-hin, ai termini tal-artikolu 261 (c), u (f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Talli f'dawn il-Gzejjer gewwa tas-Sliema, nhar l-20 ta' Marzu, 2010 u matul l-ahhar xahar qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda;

k) Seraq diversi oggetti mill-istabbiliment Miss Sixty (Sliema) fejn il-valur totali hu aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232..94) liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa u bil-hin, ai termini tal-artikolu 261 (c), u (f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;
l) Seraq diversi oggetti mill-istabiliment Tom Tailor (Sliema) fejn il-valur totali hu aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232..94) liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa u bil-

hin, ai termini tal-artikolu 261 (c), u (f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

m) Seraq diversi oggetti (zewg nuccalijiet u karkur) minn stabiliment gewwa tas-Sliema fejn l-isem mhux maghruf, fejn il-valur totali hu aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232..94) liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, u bil-hin, ai termini tal-artikolu 261 (c), u (f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u wkoll tordna sabiex l-imputat ihallas ghad-dannu bhala kumpens lill-vittmi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat in-nota ta’ rinviju tal-Avukat Generali tal-10 ta’ Mejju, 2010;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dana il-kaz jigi trattat deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien bizzejjed jirrikunsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti sejra tiehu in kunsiderazzjoni l-fatt illi dina s-sensiela ta’ serqiet zghar saru mill-imputat sabiex jissodisfa l-vizzju tieghu tad-droga. Jidher madanakollu illi l-imputat qieghed jaghmel l-almu tieghu biex isolvi dina l-problema u ser

jibda jsegwi programm ta’ riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga gewwa l-OASI. Inoltre l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li kkollabora mal-Pulizija tant illi l-oggetti derubati gew irritornati minnufih u finalment il-fatt illi l-imputat lest li jikkumpensa lid-derubati ghall-oggetti misruqa minnu. Illi minhabba l-fatt illi l-oggetti gew misruqa mill-imputat u minn persuna ohra certa Naomi Bartolo, li llum stess il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fil-konfront taghha, l-ammont tad-danni ser jigu mhallsa b’mod ugwali bejniethom;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261 (c)(f), 267, 270, 279(a), 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta’ Probation u dan ghal zmien tliet (3) snin mil-lum bil-kundizzjoni li huwa jibqa’ jsegwi l-programm ghar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor f’dan iz-zmien li qieghed taht Ordni ta’ Probation;

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza fliemkien mal-Ordni tal-Probation tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services;

Finalment il-Qorti wara li rat l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputat ihallas l-ammont ta’ sitt mija u wiehed u tletin ewro (€631) lir-rapprezentanti tal-Arkadia, Blend u Cake Creations b’dan illi l-ammont ta’ mitt ewro (€100) jithallas lir-rapprezentant ta’ Blend, mitt ewro (€100) lir-rapprezentant ta’ Cake Creations u l-kumplament lir-rapprezentant ta’ Arkadia.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------